A.L. 116 ta' l-1992

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1004 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru tal-Ġustizzja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda A".

Jemenda t-Tariffa A ta' l-Iskeda A.

2. Minflok il-paragrafu 3 tat-Tariffa A ta' l-Iskeda A għandu jidħol dan li ġej:

	Lm c m
"3. Għal kull kopja:	
(i) kopji fotostatiċi mhux awtentikati, kull paġna	0.04,0
(ii) oħrajn għal kull paġna	0.25,0".

Jemenda t-Tariffa D ta' l-Iskeda A.

3. Minflok il-paragrafu 7 tat-Tariffa D ta' l-Iskeda A għandu jidħol dan li ġej:

	Lm c m
"7. Għal kull kopja:	
(i) kopji fotostatiċi mhux awtentikati, għal kull paġna	0.04,0
(ii) kopji oħrajn, għal kull 100 kelma ...	0.10,0".